



## IL-KUMMISSJONI EWROPEA

ID-DIRETTORAT ĠENERALI GĦAS-SUQ INTERN, L-INDUSTRIJA, L-INTRAPRENDITORIJA U L-SMEs  
ID-DIRETTORAT ĠENERALI GĦAS-SAĦĦA U S-SIKUREZZA ALIMENTARI  
ID-DIRETTORAT ĠENERALI GĦALL-MOBILTÀ U T-TRASPORT  
ID-DIRETTORAT ĠENERALI GĦALL-ĠUSTIZZJA U L-KONSUMATURI  
ID-DIRETTORAT ĠENERALI GĦALL-AMBJENT  
ID-DIRETTORAT ĠENERALI GĦALL-ENERĠIJA

Brussell, it-13 ta' Marzu 2020  
REV2 — jieħu post l-avviż (REV1)  
tat-22 ta' Jannar 2018 u d-dokument  
Q&A datat l-1 ta' Frar 2019

### AVVIŻ LILL-PARTIJET IKKONĊERNATI

#### IL-ĦRUĠ TAR-RENJU UNIT U R-REGOLI TAL-UE APPLIKABBLI FIL-QASAM TAL-PRODOTTI INDUSTRIJALI<sup>1</sup>

#### Werrej

INTRODUZZJONI.....	2
A. IS-SITWAZZJONI LEGALI WARA T-TMIEM TAL-PERJODU TAT-TRANŻIZZJONI.....	3
1. IDENTIFIKAZZJONI TAL-OPERATURI EKONOMIĊI .....	3
2. PROĊEDURA TA' VALUTAZZJONI TAL-KONFORMITÀ U KORPI NOTIFIKATI .....	5
3. AKKREDITAZZJONI .....	6
B. ID-DISPOŻIZZJONIJIET TAS-SEPARAZZJONI RILEVANTI TAL-FTEHIM DWAR IL-ĦRUĠ.....	7
1. PRODOTTI INDUSTRIJALI MQIEGĦDA FIS-SUQ TAL-UE JEW TAR-RENJU UNIT QABEL TMIEM IL-PERJODU TA' TRANŻIZZJONI.....	7
2. TRASFERIMENT TA' INFORMAZZJONI MINN KORP TAR-RENJU UNIT LIL KORP NOTIFIKAT TAL-UE U VIĊI VERSA.....	9
C. REGOLI APPLIKABBLI FL-IRLANDA TA' FUQ WARA T-TMIEM TAL-PERJODU TA' TRANŻIZZJONI .....	10
ANNEX: LISTA INDIKATTIVA TAL-LEĠIŻLAZZJONI TAL-UNJONI DWAR IL-PRODOTTI.....	13

<sup>1</sup> Ara l-Anness għal-lista dettaljata tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-prodotti.

## INTRODUZZJONI

Mill-1 ta' Frar 2020, ir-Renju Unit irtira mill-Unjoni Ewropea u sar "pajjiż terz"<sup>2</sup>. Il-Ftehim dwar il-Ħruġ<sup>3</sup> jipprevedi perjodu ta' tranżizzjoni li jintemm fil-31 ta' Diċembru 2020<sup>4</sup>. Sa dik id-data, il-liġi tal-UE kollha kemm hi tapplika għar-Renju Unit u fih<sup>5</sup>.

Matul il-perjodu ta' tranżizzjoni, l-UE u r-Renju Unit se jinnegozjaw ftehim dwar sħubija ġdida, li jipprovdi b'mod partikolari għal żona ta' kummerċ ħieles. Madankollu, m'hemmx ċertezza dwar jekk jintlaħaqx ftehim bħal dan u jekk jidħolx fis-seħħ fi tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni. Fi kwalunkwe każ, tali ftehim joħloq relazzjoni li f'termini ta' kundizzjonijiet ta' aċċess għas-suq ser tkun differenti ħafna mill-parteċipazzjoni tar-Renju Unit fis-suq intern,<sup>6</sup> fl-Unjoni Doganali tal-UE, u fil-qasam tal-VAT u s-sisa.

Għaldaqstant, il-partijiet interessati kollha, u speċjalment l-operaturi ekonomiċi, huma mfakkra dwar is-sitwazzjoni legali wara t-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni (Parti A hawn taħt). Dan l-avviż jispjega wkoll ċerti dispożizzjonijiet rilevanti dwar is-separazzjoni fil-Ftehim dwar il-Ħruġ (il-Parti B hawn taħt), kif ukoll ir-regoli applikabbli għall-Irlanda ta' Fuq wara t-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni (Parti C hawn taħt).

### **Avviż lill-partijiet ikkonċernati:**

Biex jiġu indirizzati l-konsegwenzi stabbiliti f'dan l-avviż, il-manifatturi huma mogħtija pariri b'mod partikolari biex:

- jiżguraw iċ-ċertifikazzjoni minn korp notifikat tal-UE fejn tali ċertifikazzjoni tkun meħtieġa skont il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-prodotti;
- jiżguraw li jkun hemm konformità mar-rekwiżiti ta' stabbiliment għal "persuni responsabbli" għall-konformità regulatorja u għal rappreżentanti awtorizzati, u
- jadattaw it-tikkettar tal-prodotti, fejn meħtieġ.

<sup>2</sup> Pajjiż terz huwa pajjiż mhux membru tal-UE.

<sup>3</sup> Il-Ftehim dwar il-Ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, ĠU C 29 I, 31.1.2020, p. 7 ("Il-Ftehim dwar il-Ħruġ").

<sup>4</sup> Il-perjodu ta' tranżizzjoni jista', qabel l-1 ta' Lulju 2020, jiġi estiż darba b'sena jew sentejn (l-Artikolu 132(1) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ). Il-Gvern tar-Renju Unit s'issa eskluđa tali estensjoni.

<sup>5</sup> Soġġett għal ċerti eċċezzjonijiet previsti fl-Artikolu 127 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, li l-ebda waħda minnhom ma hija rilevanti fil-kuntest ta' dan l-avviż.

<sup>6</sup> B'mod partikolari, ftehim ta' kummerċ ħieles ma jipprovdi għal kunċetti tas-suq intern (fil-qasam tal-prodotti u s-servizzi) bħar-rikonoxximent reċiproku, il-"prinċipju tal-pajjiż ta' oriġini", u l-armonizzazzjoni. Lanqas ma hemm ftehim ta' kummerċ ħieles li jneħħi l-formalitajiet u l-kontrolli doganali, inklużi dawk li jikkonċernaw l-oriġini tal-merkanzija u l-input tagħhom, kif ukoll projbizzjonijiet u restrizzjonijiet fuq l-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet.

### **Innota li:**

Dan l-avviż ma jkoprix ir-regoli tal-UE fil-qasam agroalimentari, il-prodotti mediċinali, il-vetturi bil-mutur, is-sikurezza tal-avjazzjoni u l-biċċa l-kbira tas-sustanzi kimiċi. Dawn l-oqsma huma indirizzati f'avviżi separati.

Lista indikattiva ta' leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-prodotti, li għaliha japplika dan l-avviż, tinstab fl-Anness<sup>7</sup>.

Dan l-avviż jenħtieġ li jinqara flimkien ma' kull avviż kumplimentari, u aktar speċifiku dwar il-konsegwenzi legali tal-ħruġ tar-Renju Unit, li huma ppubblikati fir-rigward ta' kwalunkwe mill-atti tal-Unjoni elenkati fl-Anness.

## **A. IS-SITWAZZJONI LEGALI WARA T-TMIEM TAL-PERJODU TAT-TRANŻIZZJONI**

Wara t-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni, ir-regoli tal-UE fil-qasam tal-prodotti mhux tal-ikel u mhux agrikoli, kemm jekk għall-użu mill-konsumaturi jew professjonisti (minn hawn 'il quddiem imsejħa bħala "leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-prodotti"), ma jibqgħux japplikaw għar-Renju Unit<sup>8</sup>. Dan għandu b'mod partikolari l-konsegwenzi li ġejjin:

### **1. IDENTIFIKAZZJONI TAL-OPERATORI EKONOMIĊI**

Skont il-leġiżlazzjoni tal-prodotti tal-Unjoni, l-**importatur** huwa l-operatur ekonomiku<sup>9</sup> stabbilit fl-Unjoni li jqiegħed prodott minn pajjiż terz fuq is-suq tal-Unjoni<sup>10</sup>. Wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, manifattur jew importatur

<sup>7</sup> Bosta elementi huma preżenti b'mod komuni fil-partijiet differenti tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-prodotti, irrispettivament mit-teknika ta' armonizzazzjoni adottata mill-leġiżlatur (pereżempju l-kunċett tat-tqegħid fis-suq u d-disponibbiltà tal-prodott; id-definizzjonijiet tal-operaturi ekonomiċi). Barra elementi komuni bħal dawn, il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-prodotti bbażata fuq l-imsejjaħ Approċċ Ġdid taqşam ukoll l-istess approċċ mal-armonizzazzjoni teknika, billi tistabbilixxi rekwiżiti komuni ("rekwiżiti essenzjali", espressi fil-forma ta' rekwiżiti ta' prestazzjoni jew l-oġġettivi li għandhom jintlaħqu) fuq kif prodott għandu jiffassal u jiġi mmanifatturat b'tali mod biex jilħaq il-livell mitlub ta' pereż. saħħa, sikurezza jew protezzjoni għall-ambjent, kif ukoll il-proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità, li tintgħażel minn fost sett komuni ta' moduli, li għandha tiġi segwita biex turi l-konformità ma' dawn ir-rekwiżiti. Għal aktar informazzjoni f'dan ir-rigward, ara l-Avviż tal-Kummissjoni 2016/C 272/01 "Il-Gwida Blu dwar l-implimentazzjoni tar-regoli dwar il-prodotti tal-UE tal-2016", ĠU C 272, 26.7.2016, p. 1 (minn hawn 'il quddiem msejjaħ bħala l-"Gwida Blu").

<sup>8</sup> Fir-rigward tal-applikabilità għall-Irlanda ta' Fuq tal-liġi tal-UE dwar il-prodotti industrijali, ara l-Parti C ta' dan l-avviż.

<sup>9</sup> Il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-prodotti tiddefinixxi l-manifattur, l-importatur, id-distributur u r-rappreżentant awtorizzat bħala operaturi ekonomiċi.

<sup>10</sup> Fil-każ ta' liftijiet, ma hemm l-ebda importatur jew distributur peress li l-liftijiet jibdeu jeżistu biss bħala prodotti lesti ladarba jkunu ġew installati f'bini jew f'kostruzzjonijiet. Konsegwentement, il-liftijiet jitqiegħdu biss fis-suq mill-installatur meta, wara l-installazzjoni u t-tlestija tal-proċedura applikabbli ta' valutazzjoni tal-konformità, it-twaħħil tal-marka CE u l-ħruġ tad-Dikjarazzjoni ta' Konformità, jiġu fornuti għall-użu. Ara l-Artikolu 2(5) u l-premessa 4 tad-Direttiva 2014/33/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relattivament għal liftijiet u komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet, ĠU L 96, 29.3.2014, p. 251.

stabbiliti fir-Renju Unit mhux se jibqgħu jitqiesu bħala operatur ekonomiku stabbilit fl-Unjoni. Bħala konsegwenza, operatur ekonomiku stabbilit fl-UE li, qabel tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, kien ikkunsidrat bħala distributtur tal-UE ta' prodotti riċevuti mir-Renju Unit se jsir importatur għall-finijiet tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-prodotti b'rabta ma' tali prodotti wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni. Dan l-operatur se jkollu jikkonforma mal-iżjed obbligi stretti applikabbli għal importatur, fir-rigward partikolarment tal-verifika tal-konformità tal-prodott u, fejn applikabbli, l-indikazzjoni tad-dettalji ta' kuntatt tiegħu fuq il-prodott jew it-tikketta tiegħu<sup>11</sup>.

F'ċerti oqsma ta' prodotti, il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni tippredvi li jkun hemm **“persuni responsabbli”** li għandhom kompiti speċifiċi fir-rigward tal-izguraw ta' konformità regolatorja kontinwa u tal-interazzjoni mal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq. Dawn il-“persuni responsabbli” jridu jkunu stabbiliti fl-Unjoni, pereżempju:

- il-persuna responsabbli għall-prodotti kożmetiċi<sup>12</sup> u, mis-16 ta' Lulju 2021, prodotti soġġetti għal-leġiżlazzjoni msemmija fl-Artikolu 4(5) tar-Regolament (UE) Nru 2019/1020<sup>13</sup>; jew
- rappreżentanti awtorizzati, li l-ħatra tagħhom mill-manifattur hija ġeneralment volontarja, bl-eċċezzjoni ta' apparat mediku<sup>14</sup> u tagħmir tal-baħar<sup>15</sup>

Il-persuni responsabbli bbażati fir-Renju Unit se jtilfu l-istatus tagħhom għall-finijiet tal-leġiżlazzjoni applikabbli tal-prodotti tal-Unjoni wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, irrispettivament minn meta l-prodotti jkunu tqiegħdu fis-suq. Għalhekk, il-manifatturi għandhom bżonn jiżguraw li, wara t-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni, il-persuni responsabbli maħtura tagħhom huma stabbiliti fl-UE.

---

<sup>11</sup> Ara l-Kapitolu 3 tal-Gwida Blu.

<sup>12</sup> L-Artikoli 4 u 5 tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-prodotti kożmetiċi, ĠU L 342, 22.12.2009, p. 59.

<sup>13</sup> Ir-Regolament (UE) 2019/1020 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-sorveljanza tas-suq u l-konformità tal-prodotti u li jemenda d-Direttiva 2004/42/KE u r-Regolamenti (KE) Nru 765/2008 u (UE) Nru 305/2011, ĠU L 169, 25.6.2019, p. 1. L-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) 2019/1020 jipprevedi li l-prodotti soġġetti għal-leġiżlazzjoni msemmija fl-Artikolu 4(5) jistgħu jitqiegħdu fis-suq biss jekk ikun hemm persuna stabbilita fl-Unjoni li tkun responsabbli għall-kompiti regolatorji ta' konformità stabbiliti fl-Artikolu 4(3). L-Artikolu 4(2) jipprovdi li l-persuna responsabbli tista' tkun kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin: (a) il-manifattur; (b) l-importatur; (c) rappreżentant awtorizzat; (d) fornitur ta' servizz ta' eżekuzzjoni. Skont l-Artikolu 4(4), l-isem, l-isem kummerċjali registat jew il-marka kummerċjali reġistrata, u d-dettalji ta' kuntatt tal-persuna responsabbli għandhom jiġu indikati fuq il-prodott jew fuq l-imbagg tiegħu, fuq il-pakkett jew fuq dokument ta' akkumpanjament. Dawn id-dispożizzjonijiet se jibdew japplikaw mis-16 ta' Lulju 2021.

<sup>14</sup> L-Artikolu 14 tad-Direttiva tal-Kunsill 93/42/KEE dwar mezzi mediċi ĠU L 169, 12.7.1993, p.1, Artikolu 10a tad-Direttiva tal-Kunsill 90/385/KEE dwar il-mezzi mediċi attivi li jiddaħħlu f'xi parti tal-ġisem, ĠU L 189, 20.7.1990, p. 17 (iż-żewġ Direttivi għandhom jiġu sostitwiti mis-26 ta' Mejju 2020 bir-Regolament (UE) 2017/745 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ĠU L 117, 5.5.2017, p. 1, fejn id-dispożizzjoni korrispondenti hija l-Artikolu 11) u l-Artikolu 10 tad-Direttiva 98/79/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mezzi mediċi dijanjostiċi in vitro, ĠU L 331, 7.12.1998, p. 1 (li għandha tiġi sostitwita mis-26 ta' Mejju 2022 bir-Regolament (UE) 2017/746 tal-Parlament u tal-Kunsill, fejn id-dispożizzjoni korrispondenti hija l-Artikolu 11, ĠU L 117, 5.5.2017, p. 176).

<sup>15</sup> L-Artikolu 13 tad-Direttiva 2014/90/EU tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar tagħmir tal-baħar, ĠU L 257, 28.8.2014, p. 146.

Jekk ikun jeżistu bażijiet tad-*data* speċifiċi (pereżempju l-Portal ta' Reġistrazzjoni tal-Kożmetiċi, Eudamed għal tagħmir mediku), l-informazzjoni dwar il-persuni responsabbli tiġi rreġistrata f'dawk il-bażijiet tad-*data* u kwalunkwe bidla, għalhekk, se tkun traċċabbli hemmhekk.

Il-merkanzija mqiegħda fis-suq tal-UE wara t-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni se jkollha tikkonforma b'mod sħiħ mad-dispożizzjonijiet tal-liġi tal-Unjoni applikabbli fil-ħin tat-tqegħid fis-suq. Dan ifisser, fost oħrajn, li jekk ikun meħtieġ huma se jkollhom jindikaw id-dettalji ta' "persuna responsabbli" tal-UE.

## 2. PROĊEDURA TA' VALUTAZZJONI TAL-KONFORMITÀ U KORPI NOTIFIKATI<sup>16</sup>

F'xi oqsma ta' prodotti, il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni teħtieġ l-intervent ta' parti terza kkwalifikata, magħrufa bħala Korp Notifikat, fil-proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità. Il-Korpi Notifikati jridu jkunu stabbiliti fi Stat Membru u maħtura minn awtorità notifikanti ta' Stat Membru biex iwettqu l-kompiti ta' valutazzjoni tal-konformità stabbiliti fl-att rilevanti tal-leġiżlazzjoni tal-prodotti tal-Unjoni.

Wara t-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni, il-Korpi Notifikati tar-Renju Unit se jtilfu l-istatus tagħhom bħala Korpi Notifikati tal-UE u se jitneħħew mis-sistema ta' informazzjoni tal-Kummissjoni dwar organizzazzjonijiet notifikati (il-bażi tad-*data* NANDO<sup>17</sup>). Għaldaqstant, wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, il-korpi tar-Renju Unit mhux se jkunu f'pożizzjoni li jwettqu l-kompiti ta' valutazzjoni tal-konformità skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-prodotti.

Meta l-proċedura applikabbli ta' valutazzjoni tal-konformità tirrikjedi jew tipprovdi għall-possibbiltà ta' intervent minn parti terza, wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, se jkun meħtieġ ċertifikat għall-prodotti mqiegħda fis-suq, maħruġ minn korp li jkun rikonoxxut bħala Korp Notifikat tal-UE fi żmien meta jseħħ it-tqegħid ta' dak il-prodott fis-suq.

Għalhekk, l-operaturi ekonomiċi se jkunu meħtieġa japplikaw għal ċertifikat ġdid maħruġ minn Korp Notifikat tal-UE, jew jagħmlu arranġament għal trasferiment tal-fajl u taċ-ċertifikat korrispondenti mill-Korp Notifikat tar-Renju Unit lil Korp Notifikat tal-UE, li mbagħad jieħu r-responsabbiltà għal dak iċ-ċertifikat. Din ir-responsabbiltà tiddependi fuq il-proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità speċifika meħtieġa għall-prodott ikkonċernat skont il-leġiżlazzjoni applikabbli dwar il-prodotti stabbilita fl-Anness. It-trasferiment ta' ċertifikati minn Korp Notifikat tar-Renju Unit lejn Korp Notifikat tal-UE jeħtieġ li jsir qabel tmiem il-perjodu ta'

<sup>16</sup> Il-konsegwenzi legali stabbiliti f'din it-taqsimha japplikaw ukoll, *mutatis mutandis*, fir-rigward ta':

(a) Valutazzjonijiet Tekniċi Ewropej maħruġa minn Korpi ta' Valutazzjoni Teknika maħtura mill-awtoritajiet tar-Renju Unit skont ir-Regolament (UE) Nru 305/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2011 li jstabbilixxi kondizzjonijiet armonizzati għall-kumerċjalizzazzjoni tal-prodotti għall-bini u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE, ĠU L 88, 4.4.2011, p. 5;

(b) ċertifikati jew approvazzjonijiet maħruġa minn ispettorat tal-utent jew organizzazzjoni ta' parti terza rikonoxxuta maħtura mill-awtoritajiet tar-Renju Unit skont id-Direttiva 2014/68/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relatati mat-tqegħid fis-suq ta' apparat ta' pressjoni, ĠU L 189, 27.6.2014, p. 164.

<sup>17</sup> <http://ec.europa.eu/growth/tools-databases/nando/>

tranżizzjoni, fuq il-bażi tal- ftehim kuntrattwali bejn il-manifattur, il-Korp Notifikat tar-Renju Unit, u l-Korp Notifikat tal-UE.

Meta ċertifikat ikun ġie trasferit, kemm id-Dikjarazzjoni ta' Konformità tal-UE (magħmula mill-manifattur) kif ukoll iċ-Ċertifikat tal-Korp Notifikat iridu jiġu aġġornati kif xieraq: dawn id-dokumenti jeħtieġ li jsemmu li ċ-ċertifikat issa jinsab taħt ir-responsabbiltà tal-Korp Notifikat tal-UE u jindikaw id-dettalji / numri ta' identifikazzjoni tal-Korp Notifikat tal-UE qadim, kif ukoll tal-ġdid tar-Renju Unit.

Jekk id-dokumentazzjoni tal-prodott imsemmi hawn fuq tkun kif suppost, ma hemm l-ebda bżonn li n-numru tal-Korp Notifikat jinbidel għal prodott li diġà jkun fis-suq tal-UE jew tar-Renju Unit jew li jiġu manifatturati qabel ma jkun seħħ it-trasferiment taċ-ċertifikat fis-suq tal-UE jew tar-Renju Unit. Madankollu, il-prodotti manifatturati wara li jkun sar it-trasferiment taċ-ċertifikat jenħtieġ li jiġu mmarkati bin-numru l-ġdid tal-Korp Notifikat tal-UE u mhux se jkun possibbli li jibqa' jintuża n-numru tal-Korp Notifikat tar-Renju Unit<sup>18</sup>.

### 3. AKKREDITAZZJONI

L-akkreditament huwa attestazzjoni maħruġa minn korp ta' akkreditament nazzjonali li korp ta' valutazzjoni tal-konformità jissodisfa r-rekwiżiti applikabbli biex titwettaq attività ta' valutazzjoni tal-konformità. L-akkreditament huwa l-mezz preferut ta' wiri tal-kompetenza teknika tal-Korpi Notifikati, sakemm l-leġislazzjoni tal-prodott tal-Unjoni ma tippovdix mod ieħor. Ir-Regolament Nru 765/2008<sup>19</sup> jistabbilixxi l-qafas legali għall-organizzazzjoni u għall-operat tas-sistema ta' akkreditazzjoni Ewropea.

Is-Servizz ta' Akkreditament tar-Renju Unit se jieqaf ikun korp nazzjonali ta' akkreditament skont it-tifsira tar-Regolament Nru 765/2008 u għall-finijiet ta' dan ir-Regolament wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni. Bħala konsegwenza, iċ-ċertifikati ta' akkreditament mhux se jibqgħu jitqiesu bħala "akkreditament" skont it-tifsira tar-Regolament Nru 765/2008 u mhux se jibqgħu validi jew rikonoxxuti fil-UE skont dak ir-Regolament wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni<sup>20</sup>.

---

<sup>18</sup> Jekk jogħġbok innota wkoll li fil-qasam tad-dgħajjes li jintużaw għar-rikreazzjoni u l-inġenji tal-ilma personali, kull inġenju tal-ilma li jitqiegħed fis-suq tal-UE jrid ikollu wkoll kodiċi uniku tal-manifattur assenjat mill-awtoritajiet tal-Istati Membri jew mill-korpi nazzjonali awtorizzati. Għal aktar informazzjoni, jekk jogħġbok irreferi għall- "Avviż lill-partijiet ikkonċernati - il-ħruġ tar-Renju Unit u r-regoli tal-UE fil-qasam tad-dgħajjes li jintużaw għar-rikreazzjoni u l-inġenji tal-ilma personali" applikabbli ppubblikat hawnhekk: [https://ec.europa.eu/info/brexit/brexit-preparedness/preparedness-notices\\_mt](https://ec.europa.eu/info/brexit/brexit-preparedness/preparedness-notices_mt)

<sup>19</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 li jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-akkreditament u għas-sorveljanza tas-suq relatati mal-kummerċjalizzazzjoni ta' prodott, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 339/93, ĠU L 218, 13.8.2008, p. 30.

<sup>20</sup> Ara wkoll avviżi ta' thejjiġa rilevanti oħra li jirreferu għall-akkreditazzjoni, bħall- "Avviż lill-partijiet ikkonċernati — il-ħruġ tar-Renju Unit u r-regoli tal-UE dwar gassijiet fluworurati b'effett ta' serra" u l- "Avviż lill-partijiet ikkonċernati — il-ħruġ tar-Renju Unit u s-Sistema tal-UE għan-Negozjar ta' Emissjonijiet" ippubblikati hawnhekk: [https://ec.europa.eu/info/brexit/brexit-preparedness/preparedness-notices\\_mt](https://ec.europa.eu/info/brexit/brexit-preparedness/preparedness-notices_mt).

## B. ID-DISPOŻIZZJONIJIET TAS-SEPARAZZJONI RILEVANTI TAL-FTEHIM DWAR IL-ĦRUĠ

### 1. PRODOTTI INDUSTRIJALI MQIEGĦDA FIS-SUQ TAL-UE JEW TAR-RENJU UNIT QABEL TMIEM IL-PERJODU TA' TRANŻIZZJONI

L-Artikolu 41(1) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ jipprovdi li oġġett eżistenti u identifikabbli individwalment imqiegħed fis-suq fl-UE jew fir-Renju Unit qabel tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni jista' jsir disponibbli fis-suq tal-UE jew tar-Renju Unit u jiċċirkola bejn dawk iż-żewġ swieq sakemm jasal għand l-utent aħħari tiegħu, jew jiddaħħal fis-servizz fl-UE jew fir-Renju Unit f'konformità mad-dispożizzjonijiet applikabbli tad-dritt tal-UE.

Il-kunċett tat-tqegħid fis-suq japplika għal prodotti individwali. Għaldaqstant, din id-dispożizzjoni se tapplika biss għal dawk il-prodotti individwali li tqiegħdu fis-suq fl-UE jew fir-Renju Unit qabel tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, iżda mhux lit-tip jew serje ta' prodotti b'mod ġenerali.

L-operatur ekonomiku li jinvoka dik id-dispożizzjoni għandu l-oneru tal-prova li juri abbażi ta' kwalunkwe dokument rilevanti li l-prodott kien tqiegħed fis-suq fl-UE jew fir-Renju Unit qabel tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni<sup>21</sup>. Tali prova tista' tingħata fuq il-bażi ta' dokumenti normalment użati fit-tranżazzjonijiet kummerċjali (pereżempju kuntratt tal-bejgħ rigward oġġetti li diġà ġew manifatturati, fattura, dokumenti li jirrigwardaw it-trasport ta' oġġetti għad-distribuzzjoni jew dokumenti kummerċjali simili). M'hemmx bżonn li jinħoloq tip ġdid ta' dokument għal dan il-għan. Fil-prattika, hemm bżonn li tingħata prova bħal din f'każ ta' kontrolli mal-importazzjoni fl-UE jew ir-Renju Unit jew fil-każ ta' kontrolli mill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq. L-evidenza dokumentata pprovduta trid tagħmilha possibbli li jiġi verifikat li hija tikkorrispondi għall-oġġetti individwali u mal-kwantità ppreżentata lid-dwana jew ivverifikata mill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq, pereżempju b'referenza għall-element(i) ta' identifikazzjoni speċifiku/speċifiċi tal-oġġetti.

Għall-finijiet ta' dik id-dispożizzjoni, "tqegħid fis-suq" tfisser l-ewwel provvista ta' oġġett għad-distribuzzjoni, għall-konsum jew għall-użu fis-suq waqt attività kummerċjali, kemm jekk bi hłas kif ukoll mingħajr hłas.<sup>22</sup> "Provvista ta' oġġett għad-distribuzzjoni, għall-konsum jew għall-użu" tfisser li oġġett eżistenti u individwalment identifikabbli, wara li jkun seħħ l-istadju tal-manifattura, ikun is-suġġett ta' ftehim bil-miktub jew verbali bejn żewġ, jew aktar, persuni ġuridiċi jew fiżiċi għat-trasferiment ta' sjieda, ta' kwalunkwe dritt ieħor ta' proprjetà, jew ta' pussess li jikkonċernaw l-oġġett inkwistjoni, jew ikun is-suġġett ta' offerta lil persuna jew persuni ġuridiċi jew fiżiċi għall-konklużjoni ta' tali ftehim".<sup>23</sup> "Tqegħid fis-servizz" tfisser "l-ewwel użu ta' oġġett fl-Unjoni jew fir-Renju Unit mill-utent

---

<sup>21</sup> L-Artikolu 42 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ.

<sup>22</sup> L-Artikolu 40(a) u (b) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ.

<sup>23</sup> L-Artikolu 40(c) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ.

finali għall-finijiet li għalihom kien maħsub, jew fil-każ ta' tagħmir tal-baħar, tqiegħed abbord.”<sup>24</sup>

Dan ifisser li prodott individwali li jitqiegħed fis-suq tar-Renju Unit skont din id-definizzjoni qabel ma jintemm il-perjodu ta' tranżizzjoni jkun għadu jista' jsir disponibbli (pereżempju jista' jkompli jiġi pprovdut għad-distribuzzjoni, il-konsum jew l-użu), jitqiegħed fis-servizz<sup>25</sup> (fejn applikabbli) u jintuża fl-UE wara t-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni, u viċi versa.

Is-sitwazzjonijiet li jitqiesu bħala tqegħid fis-suq jinkludu, pereżempju:

- Kuntratt ta' bejgħ mill-manifattur lill-importatur, distributur (ukoll fi ħdan l-istess grupp, sakemm tkun tista' tiġi identifikata tranżazzjoni ġenwina) jew klijent finali, fejn tkun tlestiet il-manifattura ta' dak il-prodott;
- Bejgħ online: biss meta l-klijent jirċievi konferma tal-ordni tiegħu li tidentifika l-oġġett speċifiku diġà manifatturat u suġġett tat-tranżazzjoni, lest biex jintbagħat lill-klijent.

Bil-maqlub, is-sitwazzjonijiet li ġejjin ma jitqisux bħala tqegħid fis-suq:

- Oġġetti ordnati minn qabel, li għadhom ma ġewx manifatturati
- Kuntratt għall-provvista ta' oġġetti funġibbli (pereżempji x unitajiet ta' prodott y, mhux individwalment identifikabbli)
- Oġġetti manifatturati u miżmuma fl-istokk tal-manifattur, iżda li għadhom ma ġewx fornuti għad-distribuzzjoni, il-konsum jew l-użu
- Offerta ġenerika ta' prodott online (biss wara li ordni minn klijent tkun tqiegħdet u ġiet ikkonfermata, l-oġġett speċifiku li jkun is-suġġett tat-tranżazzjoni u jkun lest biex jiġi ttrasportat jitqies li jkun tqiegħed fis-suq).

**EŻEMPJU 1: L-oġġetti li fiżikament jinsabu fil-katina tad-distribuzzjoni jew li diġà jintużaw fis-suq tal-UE jew fis-suq tar-Renju Unit qabel tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni:**

- *Prodott kożmetiku miżmum fl-UE minn bejjiegħ bl-ingrossa bil-għan li jkompli jiġi distribwit jew li diġà jinsab fuq l-ixkaffa ta' stabbiliment kummerċjali; magna tar-raġġi-X (tagħmir mediku) iċċertifikata minn Korp Notifikat tar-Renju Unit u miżmuma fl-UE minn bejjiegħ bl-ingrossa jew li tkun diġà ġiet fornuta lil sptar fl-UE, fejn tkun qed tintuża.*

Dawn il-prodotti jitqiegħdu fis-suq tal-UE qabel tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni u jistgħu jsiru disponibbli fis-suq tal-UE jew tar-Renju Unit u jiċċirkolaw bejn dawn iż-żewġ swieq sakemm jaslu għand l-utenti aħħarin tagħhom, jitqiegħdu fis-servizz (fejn applikabbli) u jibqgħu jintużaw fl-UE jew fir-Renju Unit, mingħajr hteġa ta' ċertifikazzjoni mill-ġdid, tikkettar mill-ġdid jew modifiki tal-prodott. Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-obbligu li tinħatar persuna responsabbli ġdida jew rappreżentant awtorizzat, skont kif ikun il-każ, stabbilita fl-UE f'każ fejn

<sup>24</sup> L-Artikolu 40(d) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ.

<sup>25</sup> F'konformità ma' dan ta' hawn fuq, għat-tagħmir tal-baħar dan ifisser li jitqiegħed abbord bastiment tal-UE kif definit fl-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 2014/90/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-23 ta' Lulju 2014 dwar tagħmir tal-baħar, ĠU L 257, 28.8.2014, p. 146.



dik attwali tkun ibbażata fir-Renju Unit kif stabbilit skont it-Taqsima A.1 hawn fuq.

**EŻEMPJU 2: L-oġġetti manifatturati fl-UE, fir-Renju Unit jew fi kwalunkwe pajjiż terz ieħor, li ġew mibjugħa lil klijent tal-UE qabel tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni wara li jkun intemm l-istadju tal-manifattura iżda li jkunu għadhom ma ġewx ikkonsenjati fiżikament lil klijent tal-UE f'dik id-data.**

- *Serrieq ċirkolari (makkinarju) manifatturat fl-Istati Uniti u ċertifikat minn Korp Notifikat tar-Renju Unit inbiegħ mill-manifattur lil fabrika Netherlandiża fil-15 ta' Diċembru 2020 iżda se jasal biss fid-dwana Netherlandiża fil-15 ta' Jannar 2021.*

L-istess bħall-oġġetti taħt l-Eżempju 1. Id-data tat-tqegħid fis-suq tal-UE hija d-data tat-tranżazzjoni (l-ewwel provvista) bejn il-manifattur u l-klijent tal-UE wara li jkun intemm l-istadju tal-manifattura. It-tqegħid fis-suq ma jirrikjedix il-konsenja fiżika tal-prodott.

**EŻEMPJU 3: L-oġġetti importati fir-Renju Unit minn pajjiż terz jew li ġew manifatturati fir-Renju Unit, li wara nbigħu lil klijent fl-UE qabel tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni iżda li fiżikament ġew fornuti lill-klijent tal-UE wara dik id-data.**

- *Magna tar-raġġi-X manifatturata fl-Istati Uniti u ċertifikata minn Korp Notifikat tar-Renju Unit tinbiegħ lil bejjiegħ bl-ingrossa fir-Renju Unit fil-15 ta' Diċembru 2020 u tiġi importata minn dan tal-aħħar fir-Renju Unit fil-15 ta' Jannar 2021. Il-bejjiegħ bl-ingrossa tar-Renju Unit imbagħad ibigħha lil sptar Netherlandiż fit-30 ta' Jannar 2021 u l-magna tar-raġġi-X tasal fid-dwana Netherlandiża fil-15 ta' Frar 2021.*
- *magna tar-raġġi-X manifatturata fir-Renju Unit u ċertifikata minn Korp Notifikat tar-Renju Unit tinbiegħ jew direttament mill-manifattur lil sptar Netherlandiż jew permezz ta' distributtur fir-Renju Unit, fiż-żewġ każijiet id-data tat-tranżazzjoni mal-isptar Netherlandiż hija l-15 ta' Diċembru 2020, il-wasla fid-dwana Netherlandiża fil-15 ta' Jannar 2021.*

Fiż-żewġ eżempji, id-data tat-tqegħid fis-suq tar-Renju Unit hija d-data tat-tranżazzjoni (l-ewwel provvista) bejn il-manifattur u l-klijent tar-Renju Unit (bejjiegħ bl-ingrossa/importatur jew distributtur). It-tqegħid fis-suq ma jirrikjedix il-konsenja fiżika tal-prodott. Il-prodott jitqies li tqiegħed fis-suq tar-Renju Unit qabel tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni u għalhekk jista' jsir disponibbli fis-suq tal-UE jew tar-Renju Unit u jiċċirkola bejn dawn iż-żewġ swieq sakemm jasal għand l-utent aħħari tiegħu, jitqiegħed fis-servizz (fejn applikabbli) u jibqa' jintuża fl-UE jew fir-Renju Unit mingħajr hteiga ta' ċertifikazzjoni mill-ġdid, tikkettar mill-ġdid jew modifika tal-prodott. Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-obbligu li tinħatar persuna responsabbli ġdida jew rappreżentant awtorizzat, skont kif ikun il-każ, stabbilita fl-UE f'każ fejn dik attwali tkun ibbażata fir-Renju Unit kif stabbilit skont it-Taqsima A.1 hawn fuq.

## **2. TRASFERIMENT TA' INFORMAZZJONI MINN KORP TAR-RENJU UNIT LIL KORP NOTIFIKAT TAL-UE U VIĊI VERSA**

L-Artikolu 46 tal-Ftehim dwar il-Fruġ jistabbilixxi dispożizzjonijiet li jiffaċilitaw, jekk meħtieġ, it-trasferiment ta' informazzjoni relatata ma' valutazzjonijiet tal-konformità bejn il-korpi notifikati stabbiliti fir-Renju Unit jew fl-UE f'każ ta' suċċessjoni ta' korpi notifikati. Skont l-Artikolu 46(1), "ir-Renju Unit għandu jiżgura li l-informazzjoni miżmuma minn korp ta' valutazzjoni tal-konformità stabbilit fir-Renju Unit fir-rigward tal-attivitàjiet tiegħu bħala korp notifikat skont il-liġi tal-Unjoni qabel tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni tkun disponibbli fuq it-talba tad-detentur taċ-ċertifikat, mingħajr dewmien, lil korp notifikat stabbilit fi Stat Membru kif indikat mid-detentur taċ-ċertifikat." L-Artikolu 46(2) fih dispożizzjoni mera li tirrikjedi li l-Istati Membri jiżguraw li l-informazzjoni miżmuma mill-korpi

notifikati tal-UE ssir disponibbli fuq talba tad-detentur taċ-ċertifikat, lil korp ta' valutazzjoni tal-konformità stabbilit fir-Renju Unit.

### **C. REGOLI APPLIKABBLI FL-IRLANDA TA' FUQ WARA T-TMIEM TAL-PERJODU TA' TRANŻIZZJONI**

Wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, japplika l-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq.<sup>26</sup> Il-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq huwa soġġett għal kunsens perijodiku tal-Assemblea Leġiżlattiva tal-Irlanda ta' Fuq, fejn il-perjodu inizjali ta' applikazzjoni jestendi sa 4 snin wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni.<sup>27</sup>

Permezz tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq ċerti dispożizzjonijiet tal-liġi tal-UE huma applikabbli wkoll għar-Renju Unit u fir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq. Fil-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq, l-UE u r-Renju Unit qablu wkoll li sa fejn ir-regoli tal-UE japplikaw għar-Renju Unit u fih fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq, l-Irlanda ta' Fuq hija ttrattata daqslikieku kienet Stat Membru.<sup>28</sup>

Il-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq jipprevedi li l-maġġoranza tal-leġiżlazzjoni elenkata fl-Anness għal dan l-avviż tapplika għar-Renju Unit u fir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq.<sup>29</sup>

Dan ifisser li r-referenzi għall-UE fil-Partijiet A u B ta' dan l-avviż għandhom jinftiehem bħala li jinkludu l-Irlanda ta' Fuq, filwaqt li r-referenzi għar-Renju Unit għandhom jinftiehem li jirreferu biss għall-Gran Brittanja.

B'mod aktar speċifiku, dan ifisser, fost oħrajn, dan li ġej:

- Il-prodotti mqiegħda fis-suq fl-Irlanda ta' Fuq iridu jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni applikabbli tal-UE;
- Prodott immanifatturat fl-Irlanda ta' Fuq u ttrasportat lejn l-UE mhuwiex prodott importat għall-finijiet ta' tikkettar u identifikazzjoni ta' operaturi ekonomiċi/persuni responsabbli (ara hawn fuq, it-Taqsima A.1);
- Prodott trasportat mir-Renju Unit lejn l-Irlanda ta' Fuq huwa prodott importat (ara hawn fuq, l-introduzzjoni għat-Taqsima A u t-Taqsima A.1);
- L-importaturi, ir-rappreżentant awtorizzat u "persuni responsabbli" oħra jistgħu jiġu stabbiliti fl-Irlanda ta' Fuq (ara hawn fuq, it-Taqsima A.1).

---

<sup>26</sup> L-Artikolu 185 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ.

<sup>27</sup> L-Artikolu 18 tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq.

<sup>28</sup> L-Artikolu 7(1) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ flimkien mal-Artikolu 13(1) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq.

<sup>29</sup> L-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq u t-Taqsimiet 8 sa 19, 21, 23, 27, u 28 tal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll.

- Iċ-ċertifikati maħruġa minn Korp Notifikat fil-Gran Brittanja mhumiex validi fl-Irlanda ta' Fuq. Korp Notifikat fl-Irlanda ta' Fuq, madankollu, jista' jkompli jiċċertifika l-prodotti f'ċerti ċirkostanzi (ara hawn taħt).

Madankollu, il-Protokoll tal-Irlanda/Irlanda ta' Fuq jeskludi l-possibbiltà għar-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq li:

- jipparteċipa fit-teħid ta' deċiżjonijiet u fit-tfassil ta' deċiżjonijiet tal-Unjoni<sup>30</sup>;
- jibda proċeduri ta' oġġezzjonijiet, ta' salvagwardja jew ta' arbitraġġ sa fejn dawn jikkonċernaw regolamenti, standards, valutazzjonijiet, reġistrazzjonijiet, ċertifikati, approvazzjonijiet u awtorizzazzjonijiet maħruġa jew imwettqa mill-Istati Membri tal-UE<sup>31</sup>;
- jaġixxi bħala l-awtorità ewlenija għal valutazzjonijiet, eżamijiet u awtorizzazzjonijiet<sup>32</sup>;
- jinwoka l-prinċipju tal-pajjiż ta' oriġini jew ir-rikonoxximent reċiproku għal prodotti mqiegħda legalment fis-suq fl-Irlanda ta' Fuq; jew għal ċertifikati maħruġa minn korpi stabbiliti fir-Renju Unit<sup>33</sup>.

B'mod aktar speċifiku, dan l-aħħar punt ifisser, fost oħrajn, dan li ġej:

- Il-korpi stabbiliti fl-Irlanda ta' Fuq jistgħu jiċċertifikaw prodotti, iżda ċertifikati maħruġa minn Korpi Notifikati fl-Irlanda ta' Fuq huma validi biss fl-Irlanda ta' Fuq. Min-naħa l-oħra, dawn iċ-ċertifikati mhumiex validi fl-UE<sup>34</sup>.
- Meta prodott jiġi ċċertifikat minn Korp Notifikat fl-Irlanda ta' Fuq, il-marka "UK(NI)" trid titwaħħal flimkien mal-marka CE jew kwalunkwe marka ta' konformità applikabbli oħra<sup>35</sup>. Din il-marka distinta tippermetti l-identifikazzjoni ta' prodotti li jistgħu jitqiegħdu legalment fis-suq fl-Irlanda ta' Fuq, iżda mhux fl-UE.
- Fil-qasam mhux armonizzat, il-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku fi Stat Membru wieħed ta' prodotti kummerċjalizzati legalment fi Stat Membru ieħor skont l-Artikoli 34 u 36 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea<sup>36</sup>

<sup>30</sup> Fejn ikun hemm bżonn ta' skambju ta' informazzjoni jew konsultazzjoni reċiproka, dawn għandhom iseħħu fil-grupp ta' ħidma konsultattiv konġunt stabbilit mill-Artikolu 15 tal-Protokoll tal-Irlanda/Irlanda ta' Fuq.

<sup>31</sup> Il-ħames subparagrafu tal-Artikolu 7(3) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/Irlanda ta' Fuq.

<sup>32</sup> L-Artikolu 13(6) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/Irlanda ta' Fuq.

<sup>33</sup> L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 7(3) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/Irlanda ta' Fuq.

<sup>34</sup> Ir-raba' subparagrafu tal-Artikolu 7(3) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/Irlanda ta' Fuq.

<sup>35</sup> Ir-raba' subparagrafu tal-Artikolu 7(3) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/Irlanda ta' Fuq.

<sup>36</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 764/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 li jistabbilixxi l-proċeduri relatati mal-applikazzjoni ta' ċerti regoli tekniċi nazzjonali għal prodotti legalment kummerċjalizzati fi Stat Membru ieħor u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 3052/95/KE, ĠU L 218,

mhux se japplika fir-rigward ta' prodotti kummerċjalizzati legalment fl-Irlanda ta' Fuq. Dan ifisser li t-tqegħid legali ta' prodott fis-suq tal-Irlanda ta' Fuq ma jistax jiġi invokat meta dak il-prodott jitqiegħed fis-suq tal-UE. Madankollu, il-kummerċjalizzazzjoni legali ta' prodott fi Stat Membru tista' tiġi invokata meta dak il-prodott jitqiegħed fis-suq fl-Irlanda ta' Fuq.

Is-siti web tal-Kummissjoni dwar is-Suq Uniku għall-Prodotti ([http://ec.europa.eu/growth/single-market/goods\\_mt](http://ec.europa.eu/growth/single-market/goods_mt) u [http://ec.europa.eu/growth/sectors\\_mt](http://ec.europa.eu/growth/sectors_mt)) jipprovdu informazzjoni ġenerali dwar il-leġiżlazzjoni ta' armonizzazzjoni tal-Unjoni applikabbli għall-prodotti mhux agrikoli u mhux tal-ikel. Dawn il-paġni jiġu aġġornati b'informazzjoni addizzjonali, fejn meħtieġ.

Il-Kummissjoni Ewropea

Id-Direttorat Ġenerali għas-Suq Intern, l-Industrija, l-Intraprenditorija u l-SMEs

Id-Direttorat Ġenerali għas-Saħħa u s-Sikurezza Alimentari

Id-Direttorat Ġenerali għall-Mobbiltà u t-Trasport

Id-Direttorat Ġenerali għall-Ġustizzja u l-Konsumaturi

Id-Direttorat Ġenerali għall-Ambjent

Direttorat Ġenerali għall-Enerġija

---

13.8.2008, p. 21. Ir-Regolament (UE) 2019/515 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2019 dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' merkanzija kummerċjalizzati legalment fi Stat Membru ieħor u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 764/2008, ĠU L 91, 29.3.2019, p. 1.

## ANNEX: LISTA INDIKATTIVA TAL-LEĠIŻLAZZJONI TAL-UNJONI DWAR IL-PRODOTTI

Dan l-avviż japplika primarjament għal:

- Prodotti li jaqgħu fl-ambitu tad-Direttiva 2001/95/KE dwar is-sigurtà ġenerali tal-prodotti (ĠU L 11, 15.1.2002, p.4)
- Ir-restrizzjoni tal-użu ta' ċerti sustanzi perikolużi f'tagħmir elettriku u elettroniku (id-Direttiva 2011/65/UE "RoHS", ĠU L 174, 1.7.2011, p. 88)
- Skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku (id-Direttiva "WEEE" 2012/19/UE, ĠU L 197, 24.7.2012, p. 38)
- Batteriji u skart ta' batteriji (id-Direttiva 2006/66/KE, ĠU L 266, 26.9.2006, p. 1)
- Imballaġġ u skart mill-imballaġġ u (id-Direttiva 94/62/KE, ĠU L 365, 31.12.1994, p. 10)
- Tagħmir li jaħraq karburanti gassużi (ir-Regolament (UE) 2016/426, ĠU L 81, 31.3.2016, p. 99)
- Rekwiżiti għall-ekodisinn għal prodotti relatati mal-enerġija (id-Directive 2009/125/KE, ĠU L 285, 31.10.2009, p. 10, u r-Regolamenti ta' Implimentazzjoni kollha għal gruppi speċifiċi ta' prodotti li jkunu ġew adottati skont din id-Direttiva Qafas)
- Reċipjenti sempliċi taħt pressjoni (id-Direttiva 2014/29/UE, ĠU L 96, 29.3.2014, p. 45)
- Sikurezza tal-ġugarelli (id-Direttiva 2009/48/KE, ĠU L 170, 30.6.2009, p. 1)
- Tagħmir elettriku ddisinjat għall-użu fi ħdan ċerti limiti tal-voltaġġ (id-Direttiva 2014/35/UE, ĠU L 96, 29.3.2014, p. 357)
- Makkinarju (id-Direttiva 2006/42/KE, ĠU L 157, 9.6.2006, p. 24)
- Kompatibilità elettromanjetika (id-Direttiva 2014/30/UE, ĠU L 96, 29.3.2014, p. 79)
- Strumenti tal-kejl u metodi ta' kontroll metroloġiku (id-Direttiva 2009/34/KE, ĠU L 106, 28.4.2009, p. 7)
- Strumenti tal-kejl (id-Direttiva 2014/32/UE, ĠU L 96, 29.3.2014, p. 149)
- Strumenti tal-użin mhux awtomatiċi (id-Direttiva 2014/31/UE, ĠU L 96, 29.3.2014, p. 107)
- L-installazzjonijiet tal-funikular iddisinjati għat-trasport ta' persuni (ir-Regolament (UE) 2016/424, ĠU L 81, 31.3.2016, p. 1)
- Tagħmir tar-radju (id-Direttiva 2014/53/UE, ĠU L 153, 22.5.2014, p. 62)
- Mezzi mediċi, u mezzi mediċi attivi li jiddaħħlu fil-ġisem (id-Direttivi 93/42/KEE, ĠU L 169, 12.7.1993, p. 1, u 90/385/KEE, ĠU L 189, 20.7.1990, p. 17, li

għandhom jiġu sostitwiti mis-26 ta' Mejju 2020 bir-Regolament (UE) 2017/745, ĠU L 117, 5.5.2017, p. 1, bl-eċċezzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-Direttivi 93/42/KEE u 90/385/KEE elenkati fl-Artikolu 122 tar-Regolament 2017/45, li għalihom hija prevista data ta' tħassir aktar tard)

- Mezzi mediċi djanjostiċi in vitro (id-Direttiva 98/79/KE, ĠU L 331, 7.12.1998), li għandha tiġi sostitwita mis- 26 ta' Mejju 2022 bir-Regolament (UE) 2017/746, ĠU L 117, 5.5.2017, bl-eċċezzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 98/79KE elenkati fl-Artikolu 112 tar-Regolament 2017/46, li għaliha hija prevista data ta' tħassir aktar tard)
- Kożmetiċi (ir-Regolament (KE) 1223/2009, ĠU L 342, 22.12.2009, p. 59)
- Apparat ta' pressjoni (id-Direttiva 2014/68/UE, ĠU L 189, 27.6.2014, p. 164)
- Apparat ta' pressjoni li jista' jinġarr (id-Direttiva 2010/35/UE, ĠU L 165, 30.6.2010, p. 1)
- Dispensuri tal-ajrusols (id-Direttiva 75/324/KEE, ĠU L 147, 9.6.1975, p. 40)
- Liftijiet u komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet (id-Direttiva 2014/33/UE, ĠU L 96, 29.3.2014, p. 251)
- Dgħajjes li jintużaw għar-rikreazzjoni u l-inġenji tal-ilma personali (id-Direttiva 2013/53/UE, ĠU L 354, 28.12.2013, p. 90)
- Tagħmir u sistemi ta' protezzjoni maħsuba għall-użu f'atmosfera potenzjalment espulżivi (id-Direttiva 2014/34/UE, ĠU L 96, 29.3.2014, p. 309)
- Splussivi għall-użu ċivili (id-Direttiva 2014/28/UE, ĠU L 96, 29.3.2014, p. 1)
- Prodotti għall-bini (ir-Regolament (UE) Nru 305/2011, ĠU L 88, 4.4.2011, p. 5)
- Pirotekniċi (id-Direttiva 2013/29/UE (ĠU L 178, 28.6.2013, p. 27)
- Ir-Regolament dwar it-Tikkettar tat-Tajers (ir-Regolament (KE) Nru 1222/2009, ĠU L 342, 22.12.2009, p. 46)
- Tagħmir protettiv personali (ir-Regolament (UE) Nru 2016/2011, ĠU L 81, 31.3.2011, p. 51)
- Tagħmir tal-baħar (id-Direttiva 2014/90/UE, ĠU L 257, 28.8.2014, p. 146)
- Emissjoni tal-ħoss fl-ambjent minn tagħmir għall-użu ta' barra (id-Direttiva 2000/14/KE, ĠU L 162, 3.7.2000, p. 1)
- Tikkettar tal-enerġija (ir-Regolament (EU) Nru 2017/1369, ĠU L 198, 28.7.2017, p. 1, u r-Regolamenti delegati kollha għal gruppi speċifiċi ta' prodotti li ġew adottati skont ir-Regolament Qafas u dawk adottati skont id-Direttiva 2010/30/UE, ĠU L 153, 18.6.2010, p. 1, il-predeċessur tar-Regolament 2017/1369)
- Ir-Regolament dwar l-ismijiet ta' fibri ta' tessuti u t-tikkettar u l-immarkar relatati tal-prodotti tat-tessuti (ir-Regolament (UE) Nru 1007/2011, ĠU L 272, 18.10.2011, p. 1)

- Id-Direttiva dwar it-tikkettjar tal-materjali li jintużaw fil-komponenti ewlenin tax-xeddijiet tas-saqajn (id-Direttiva 94/11/KE, ĠU L 100, 19.4.1994, p. 37)
- Metroloġija - (id-Directive 2011/17/UE ĠU L 71, 18.3.2011, p. 1 - Tħassir ta' bosta Direttivi – tranżizzjoni sal-2025)
- Fliexken użati bħala reċipjenti ta' kejl (id-Direttiva 75/107/KEE, ĠU L 42, 15.2.1975, p. 14)
- Tagħmir ta' prodotti f'imbagg minn qabel (id-Direttiva 76/211/KEE, ĠU L 46, 21.2.1976, p. 1)
- Kaldaruni tal-miżun li jaħdmu b'karburanti likwidi jew gassużi (id-Direttiva 92/42/KEE, ĠU L 167, 22.6.1992, p. 17). Id-Directive tħassret bir-Regolament tal-Kummissjoni (EU) No 813/2013 (ĠU L 239, 6.9.2013, p. 136) li jimplementa d-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward ir-rekwiżiti għall-ekodisinn għall-ħiters tal-post u għall-ħiters ikkombinati, minbarra l-Artikoli 7(2) u 8 u l-Annessi III sa V)
- Interoperabbiltà tas-sistema ferrovjarja fl-Unjoni Ewropea (id-Direttiva 2008/57/KE, ĠU L 191, 18.7.2008, p. 1, li għandha tiġi sostitwita mis-16 ta' Ġunju 2020 bir-Regolament (UE) 2016/797, ĠU L 138, 26.5.2016, p. 44)
- Interoperabilità ta' Sistemi Elettroniċi ta' Nollijiet tat-Toroq (id-Deċiżjoni 2009/750/KE, li timplimenta d-Direttiva 2004/52/KE, ĠU L 268, 13.10.2009, p. 11) Id-Direttiva 2004/52/KE se tiġi revokata mill-20 ta' Ottubru 2021 mid-Direttiva (UE) 2019/52/UE. Id-Deċiżjoni 2009/750/KE se tiġi revokata mid-19 ta' Ottubru 2021 permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/204. Ara wkoll ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/203 li jstabbilixxi, fost oħrajn, il-kriterji minimi ta' eliġibbiltà jew korpi notifikati, applikabbli mid-19 ta' Ottubru 2021)
- Takografi fit-trasport bit-triq (ir-Regolament (UE) Nru 165/2014, ĠU L 60, 28.2.2014, p. 1)